

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1220/2013****tas-27 ta' Novembru 2013 li****li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-bakkaljaw fiż-żona 3M tan-NAFO minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 40/2013 tal-21 ta' Jannar 2013 li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli fl-ilmijiet tal-UE u, għall-bastimenti tal-UE għall-2013, f'ċerti ilmijiet mhux tal-UE għal ċerti stokkijiet tal-ħut li huma soġġetti għal negozjati jew ftehimiet internazzjonali <sup>(2)</sup>, jistabbilixxi l-kwoti għall-2013.
- (2) Skont l-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, il-qabdiet li saru mill-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, eżawrew il-kwota allokata għall-2013.
- (3) Għaldaqstant, jeħtieġ li jiġu pprojbiti l-attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1***Eżawriment tal-Kwota**

Il-kwota tas-sajd għall-2013 allokata lill-Istati Membri msemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

*Artikolu 2***Projbizzjonijiet**

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata f'dak l-Anness. Partikolarment, għandu jkun ipprojbit li jinżamm abbord, jiġi ttrażbordat, ittrasportat, jew jinħatt l-art, ħut minn dak l-istokk li jinqabad minn daww il-bastimenti wara dik id-data.

*Artikolu 3***Id-dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Novembru 2013.

*Għall-Kummissjoni,  
F'isem il-President,*

Lowri EVANS

*Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd*<sup>(1)</sup> ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.<sup>(2)</sup> ĠU L 23, 25.01.2013, p. 54.

## ANNEX

Nru	66/TQ40
L-Istat Membru	L-Unjoni Ewropea (L-Istati Membri kollha)
L-istokk	COD/N3M
L-ispeċi	Il-bakkaljaw ( <i>Gadus Morhua</i> )
Iż-żona	NAFO 3M
Id-data	15.11.2013